MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2132/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Mariella Vassallo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Novembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u erbatax-il lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm314.59) hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9989 6052;**

**Illi l-konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi, baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-2 ta' Dicembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u erbatax-il lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm314.59) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-1 ta' Dicembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill- konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------